**Santa Luċija**
**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa b' Urġenza Numru 33/2026**
**29 ta' April 2026**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.32p.m.**

**PREŻENTI:**
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Connie Debattista – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI:**

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Il-Kunsilliera D'Amato u l-Kunsillier Sciberras talbu li jiġu skużati.

**33.2 Devoluzzjoni tal-art**

Is-Sindku infurmat li wara laqgħa li saret mad-Direttur is-Sa Marisa Pisani tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, id-Direttur issuġeriet li sabiex il-ġlieda ta' kontra l-iżvillup ta' l-għalqa taż-żiemel tkun aktar b'saħħitha, il-Kunsill jistà japplika għall-parti tal-art li hija tal-gvern.

Is-Sindku qrat korrispondenza li bagħat il-Kunsillier Sciberras relatata ma din l-Agenda 'naqbel mad-devoluzzjoni tal-art hekk kif proponejt ukoll jiena mal-mozzjoni ppreżentata minni u anke ssekondajt mozzjoni susseggwenti mis-Sindku'.

Fl-istess waqt is-Sindku infurmat wkoll li sabiex il-Kunsill ikun jistà japplika għall-iskema tal-Animal Welfare, il-Kunsill irid ikollu d-devoluzzjoni tal-art tad-dog park li jinsab fi Triq in-Naħla Maltija.

Għalhekk is-Sindku ipproponiet lill-Kunsilliera sabiex tiddaħħal applikazzjoni fl-immedjat għad-devoluzzjoni tas-siti msemmija hawn taħt:

- Sit pubbliku fi Triq Stefanotis/Triq il-Fortizza/Triq Katarina Vitale

- Dog Park eżistenti fi Triq in-Naħla Maltija

Il-Kunsilliera Debattista pproponiet u l-Viċi Sindku issekonda.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu din it-talba

Il-laqgħa ntemmet fil-5.34pm.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 26 ta' Mejju 2026.

**IFFIRMATI**

_____________________________
Charmaine St John
Sindku

**IFFIRMATI**

____________________________
Bernice Darmanin
Segretarju Eżekuttiv